Din ir-raba' ġabra ta' stejjer mill-ħajja ta' Fra Mudest qiegħda tidher bosta snin wara t-tliet ġabriet l-oħrajn. Kien fuq talba ta' xi wħud, li meta kienu għadhom żgħar, kienu jħobbu jaqraw il-praspar tal-"Fra Ferrieħi," li ġegħlitni nikteb din ir-raba' ġabra li tiġbor fiha dsatax-il praspura mid-dinja ta' Fra Mudest.

Lil dawn, u oħrajn li meta kienu għadhom żgħar kienu jħobbu jaqraw il-praspar ta' Fra Mudest, jien niddedika dan il-ktejjeb b'radd ta' ħajr u xewqat sbieħ għall-ġejjieni.

Charles Casha

26-11-94

# Werrej


1. Fra Mudest u d-Disklu ....................................7
2. Kalanċ Jixtri Żiemel ....................................13
3. Isem għat-Tarbija ....................................17
4. Fra Mudest u s-Sinjura Ċelestina ....................................22
5. Dak il-Povru Pirjol! ....................................28
6. Fil-Borma tal-Kannibali ....................................31
7. Il-Ħmar t'Indrì ....................................37
8. Is-Sur Pawl Jieħu Ritratt ....................................45
9. Fiċ-Ċimiterju ....................................50
10. Fra Mudest Imur Messina ....................................57
11. Fuq il-Karozza tal-Mellieħa ....................................67
12. L-Irtir ....................................71
13. Għoxrin Fuq Kull Sieq! ....................................77
14. Logħba Karti ....................................84
15. Fra Mudest Jilħaq Pirjol! ....................................90
16. Fra Mudest u s-Sagristan Jagħmlu Mħatra ....................................94
17. Meta Fra Mudest Kien Għadu Tifel ....................................99
18. Waqt il-Lezzjoni tad-Duttrina ....................................103
19. Il-Pirjol Imur l-Isptar ....................................107

# Fra Mudest u d-Disklu

Waħda mill-istatwi li kien hemm fil-knisja tar-raħal kienet dik ta' San Krispin. Minn dejjem kont nismagħhom jgħidu li għalkemm din l-istatwa ma kinitx xi opra tal-arti, madankollu kienet ferm għal qalb il-parroċċani. Jien qatt ma rajtha imma jgħidu li kienet ingħatat lill-knisja minn wieħed sinjur wara li qala' grazzja bl-interċezzjoni ta' San Krispin. Fra Mudest kien jieħu ħsieb din l-istatwa u qatt ma seta' jinsa dakinhar li qagħad flok il-qaddis meta Pietru s-sagristan kien kisser l-istatwa. Min qara l-ġrajja ta' "Fra Mudest isir qaddis" jaf għal xiex qed ngħid!

Toni l-mastrudaxxa li ma kienx hemm aqwa minnu fir-raħal fejn jidħol ix-xogħol tal-injam, kien qala' grazzja kbira wara li talab lil San Krispin sabiex jidħol għalih quddiem il-Mulej. Jgħidu li dan Toni kellu tifla li kienet mardet serjament iżda wara li kien għamel wegħda ma' San Krispin, bintu fieqet u reġgħet ħadet

saħħitha. Biex juri l-ferħ tiegħu meta ra lil bintu f'saħħitha mill-ġdid, Toni ħadem statwa żgħira ta' San Krispin, nistgħu ngħidu replika tal-istatwa l-kbira li kien hemm fil-knisja. Huwa ta din l-istatwetta lill-knisja u l-Pirjol qiegħed din l-istatwa ġo kappella żgħira li kien hemm fil-kunvent. Din l-istatwetta kienet biċċa xogħol sabiħa, forsi għax Toni kien ħadimha bil-qalb jew għax kien għenu San Krispin! Imma fiex tidħol din l-istatwa li kien għamel Toni, fil-ħajja ta' Fra Mudest? Ngħidilkom.

Fir-raħal kien joqgħod wieħed raġel imlaqqam id-"Disklu". Kien iħobb il-qatra kif jgħidu, u għandu jkun mhux qatra waħda kien iħobb, imma ħafna qatriet għax dejjem fis-sakra. Kien bniedem għażżien u jħobb il-logħob tal-flus. Kulma kien jaqla', bis-sewwa jew bid-dnewwa, kien jew jilagħbu jew jixorbu. Ġieli rebaħ xi flus fil-logħob jew f'xi lotterija, u meta kien jirbaħ kulħadd kien ikun jaf għax kien jibda jixrob sa ma jisker u jkollhom jeħduh lejn id-dar. Imma meta kien jitlef, warrab rasek minnu għax miskin hu min kien jeħel ma' rasu. Mhux ta' b'xejn kienu laqqmuh id-"Disklu".

Issa ħalli niġu għall-ġrajja tagħna.

Mela dan id-"Disklu" ħa biljett f'lotterija kbira u kien waħħalha f'rasu li jrid jirbaħ l-ewwel premju li kien iġib somma kbira ta' flus. Lejla waħda kien

nofsu fis-sakra u daħal fil-knisja u baqa' tiela' dritt lejn in-niċċa fejn kien hemm l-istatwa ta' San Krispin. F'dak il-ħin Fra Mudest kien qiegħed iċaqlaq xi siġġijiet u jqegħedhom f'posthom u jagħti titwila mal-knisja għax kien qorob ħin l-għeluq. Malli lemaħ lid-"Disklu" dieħel fil-knisja jixxengel 'l hemm u 'l hawn Fra Mudest inħasad u qal lilu nnifsu:

"Alla jibgħatha tajba! Dan x'ġie jagħmel hawn illejla?"

Id-"Disklu" waqaf quddiem l-istatwa ta' San Krispin u filwaqt li beda jżomm ma' xi siġġijiet biex ma jaqax, qal:

"Ara x'se ngħidlek San Krispin … lili qatt ma qlajtli grazzja għadek … lil kulħadd taqlagħlu xi grazzja … ismagħni tajjeb … għax jaqbillek … irridek trebbaħni l-lotterija … u ħażin ikun għalik jekk ma nirbaħx … l-ewwel … premju … imma … jekk nirbaħ … naħseb fik … għax nagħmillek niċċa tad-deheb … niċċa tad-deheb … qed tismagħni … jekk ma ma nirbaħx … niġi għalik … u ħażin tispiċċa … fhimtni hux?"

U telaq 'il barra jixxengel se jaqa' u ma jaqax.

"Issa sew!" qal Fra Mudest imbeżża' wara li kien sema' dak il-kliem. "Issa jekk ma jirbaħx jiġi hawn u jagħmel xi waħda minn tiegħu! Miġnun biżżejjed dak! L-aktar jekk ikun fis-sakra!"

Dak il-lejl il-Fra ma setax jagħlaq għajn m'għajn! Beda jġib quddiem għajnejh lid-"Disklu", dieħel fil-knisja u jkisser in-niċċa u l-istatwa ta' San Krispin! Imma fl-aħħar ħsieb sabiħ għadda minn moħħu u seta' jorqod mistrieħ għax kien sab mezz kif isalva l-istatwa ta' San Krispin li tant kienet għal qalb in-nies tar-raħal.

L-għada filgħodu qagħad b'seba' għajnejn ħalli jara min kien rebaħ il-lotterija. Kif basar hu, id-"Disklu" kien baqa' b'xiber imnieħer!

"Mela għalina," qal il-Fra u dlonk mar ifittex lil Pietru s-sagristan u lil Ġanni l-kok għax kien jeħtieġ l-għajnuna tagħhom. It-tlitt irġiel marru fil-knisja, fetħu n-niċċa u ħarġu l-istatwa ta' San Krispin u ġarrewha lejn is-sagristija. Imbagħad flokha qiegħdu dik l-istatwa ż-żgħira li kien ħadem Toni l-mastrudaxxa.

U filgħaxija, Fra Mudest, Pietru s-sagristan u Ġanni l-kok staħbew wara l-kolonni, jistennew lid-"Disklu" li jiġi fil-knisja ħalli jeħodha ma' San Krispin.

"Mur ara kif se jibqa' hekk kif fin-niċċa jara dik l-istatwa ż-żgħira!" daħak il-Fra.

"Jekk ikisser dik," kompla l-kok, "għall-anqas ma jkunx kisser l-istatwa l-kbira!"

"U din li għamel Toni ma nafx kif irid ikissirha, daqskemm għandha injam iebes … dik biċċa waħda tafx! Irid iġib serrieq miegħu!"

